MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 982/2014

**Dr Kris Balzan**

**(I.D. Numru 11079 M)**

**bhala mandatarju specjali ghan-nom, u**

**in rapprezenttanza ta'** ***societe anonyme***

**"WARNER MUSIC GREECE SA",**

**bin-numru ta' registrazzjoni 000338401000**

**vs**

**Visual & Sound Communications Ltd.**

**(C 6189)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors fuq indikat datat is-7 ta' Novembru, 2014 li permezz tieghu ir-rikorrenti nomine sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi s-socjeta` estera *Warner Music Greece SA* otteniet sentenza favur taghha datata l-20 ta' Novembru, 2011, fejn is-socjeta` intimata odjerna kienet ikkundannata thallas is-somma ta' tmienja u tmenin elf, erba` mija u tmienja u erbghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu, (€88,448.22), flimkien ma tlett elef u sitt mitt Ewro, (€3,600.00), bhala spejjez gudizzjarji, (ara foll 9 u foll 21);

1.2 Illi l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti giet debitament servuta u ma kien intavolat l-ebda appell minnha, (ara foll 38 u 40);

1.3 Illi kwantu Malta u l-Grecja huma Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, japplikaw ir-Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea 4/2001 dwar il-Gurisdizzjoni u Rikonoxximent u Ezekuzzjoni ta' sentenzi ta' natura civili u kummercjali;

1.4 Illi in vista tal-premess sentenza moghtija fi Stat Membru tista tigi ezegwita wkoll fi Stat Membru iehor fuq applikazzjoni ta' parti interessata;

1.5 Illi fil-kaz odjern, il-qorti kompetenti ghal tali esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza hi proprju l-qorti odjerna, meta din

tissodisfa l-kundizzjonijiet mehtiega biex tigi stabbilita l-awtenticita` taghha skont l-istess Regolamenti;

1.6 Illi l-istess sentenza in dizamina tikkwalifika ghal ezegwibilita` mmedjata skont l-istess Regolamenti fuq riferiti;

1.7 Illi konsegwentement ir-rikorrenti nomine adixxa din il-qorti biex din l-istess qorti:

1.7.1. Tirrikonoxxi s-sentenza numru 608/5/2012 moghtija mill-qorti appozita tal-Grecja fl-ismijiet *Warner Music Greece* SA, numru ta' registrazzjoni 000338401000 vs *Visual & Sound Communications Ltd. (C -6189)*;

1.7.2. Tordna n-notifika tad-decizjoni dwar ir-rikors odjern lis-socjeta` intimata skont il-provvedimenti ta' l-artiklu 42 tar-Regolament 44/2001 u ta' l-artiklu 825A tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata s-7 ta' Jannar, 2015;

3. Rat id-dokumenti kollha esebiti;

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti;

5. Sodisfatta li r-Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea 44/2001 huma debitament sodisfatti;

Ikkunsidrat:

6. Illi in vista tal-premess din il-qorti – wahda ta’ prim’ istanza – hi prekluza statutorjament milli tidhol f’analizi ulterjuri fir-rigward;

7. Tiddikjara li l-elementi processwali statutorjament imposti mill-imsemmija Regolamenti 44/2001 huma debitament assodati;

8. Tirrileva li *ai termini* tal-istess Regolamenti Ewropei fuq riferiti mhux il-kompitu ta’ qorti ta’ prim’ istanza li biex tordna l-ezekuzzjoni ta’ sentenza ta’ qorti ta’ pajjiz iehor Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, tezamina l-meritu tas-sentenza in dizamina u trid tivverifika biss li d-dokument indikat bhala “sentenza” li trid tigi ezegwita effettivament kienet wahda debitament mahruga minn qorti ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

9. Illi din il-qorti hi sodisfatta li s-sentenza indikata mir-rikorrenti nomine effettivament hi frott ta’ qorti ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea – senjatament il-Grecja;

**DECIDE**:

10.0. Illi in vista tal-premess, tqis li r-rikorrenti nomine pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

10.1. Tiddikjara li s-sentenza in dizamina fuq riferita hi debitament rikonoxxuta mill-qorti odjerna;

10.2. Tiddikjara li l-istess sentenza hi ezegwibbli fl-intir taghha fil-gurisdizzjoni lokali, inkluz l-ispejjez hemm dikjarati;

10.3. Bl-ispejjez tal-procedura odjerna kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------